# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**l-Ewwel (1) ta’ Novembru 2023**

**Rikors Numru 852/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Polymath & Boffin Limited**
**(C 51718)**

**Vs**

**Marine Robotic Technologies Ltd (C 103467)**
**u**
**John Derek Townson (Passaport Ingliż 548994728)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 3 ta’ Awissu 2023, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti, bil-ġurament tar-rappreżentant tagħha Christopher Vella, talbet s-segwenti:

   1. *Illi l-intimati huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta’ mitejn sitta u tmenin elf, erba’ mija ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€286,425.63), rappreżentanti kontijiet maħruġa għal servizzi ta' konsulenza mogħtija lill-intimati u spejjeż magħmula mis-soċjeta' rikorrenti f' isem l-intimati (kopja tal-fatturi qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati kollettivament bħala 'Dok CVV’) skont ftehim intitolat Client Proposal Shipshape datat Lulju 2021, kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok CV2';*

   2. *Illi minkeiia diversi interpellazzjonijiet da parti tas-soċjeta' esponenti sabiex l-intimati jħallsu dak dovut għas-servizzi lilhom prestati, l-intimati baqgħu inadempjenti:*

3. *Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex dina l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta' l-Artikolu 167 ei sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li dan il-kreditu ta' mitejn sitta u tmenin elf, erba' mija ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€286,425.63) huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

4. *Illi l-intimati huma konsapevoli minn dawn il-fatti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;*

5. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa minn Christopher Vella, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 31286M, bħala direttur tas-soċjeta' rikorrenti personalment;*

6. *Illi għal kull buon fini qiegħed jiġi ddikjarat illi is-soċjeta' rikorrenti intavolat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinżammu milli jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b' titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari il-propjeta' intellettwali u industrijali relatata mat-teknoloġija ta' "anti-fouling robot", kif ukoll l-ishma li l-intimat John Derek Townson għandu fis-soċjeta' intimata Marine Robotic Techologies Ltd, u dan għall-kreditu fl ammont ta' mitejn sebgħa u sittin elf, tmien mija tmienja u disgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€267,898.75), liema mandat ġie akkordat minn dina l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Lulju 2023 u jġib in-numru ta' referenza 937/2023.*

   *Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

   1. *Tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   2. *Tiddikjara lill-intimati, jew uħud minnhom veri, ċerti u likwidi debitriċi versu s-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' mitejn sitta u tmenin elf, erba' mija ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€286,425.63);*

   3. *Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex minnufih iħallsu l-ammont ta' mitejn sitta u tmenin elf, erba' mija ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€286,425.63) lis-soċjeta' rikorrenti bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessi mill-liġi sad-data tal-ħlas effettiv.*

   *Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati illi minn issa nġunti in subizzjoni,*

2. Rat illi fil-21 ta' Settembru 2023, permezz ta' courier, l-intimati ġew notifikati ġewwa Schwalbenstrasse, 13, Baldham, 85598, Ġermanja. (fol 39)

3. Rat illi, meta ssejjħet il-kawża, la John Derek Townson u wisq anqas rappreżentant tas-soċjeta' Marine Robotic Technologies Ltd ma dehru sabiex jikkontestaw il-każ, u għalhekk ġew meqjusa bħala kontumaċi.

4. Semgħet ix-xhieda ta' Christopher Vella, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, mogħtija bil-ġurament fit-23 ta' Ottubru 2023, fejn huwa kkonferma illi John Derek Townson kien ikkomunika miegħu wara li ġie notifikat bl-atti odjerni permezz ta' courier u li għalhekk kien ben a korrent tal-proċeduri odjerni.

5. Semgħet il-konsulent legali tar-rikorrenti jgħarraf il-Qorti illi, abbażi tali provi prodotti, dina il-Qorti tista' tgħaddi biex tippronunzja ruħha b'mod definittiv.

6. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2023, abbażi tal-Artikolu 158 (10), il-Qorti, qabel ma tgħaddi biex tagħti s-sentenza, ikkonċediet żmien lill-intimati biex fiha jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub biex jiddefendu ruħhom kontra t-talba tas-soċjeta' rikorrenti.

7. Rat illi, meta ssejjħet il-kawża llum, l-intimati reġgħu ma dehrux u ma ressqu ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

8. Rat illi għalhekk, il-kawża kienet posposta għas-sentenza.

9. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

Tiddikjara lill-intimati in solidum bejniethom bħala veri, ċerti u likwidi debituri versu s-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' mitejn sitta u tmenin elf, erba' mija ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€286,425.63).

Tikkundanna lill-intimati insolidum bejniethom sabiex minnufih iħallsu l-ammont ta' mitejn sitta u tmenin elf, erba' mija ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€286,425.63) lis-soċjeta' rikorrenti bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessi mil-liġi mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**